

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS  
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ  
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL  
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN  
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS  
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ  
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES  
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES  
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH  
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE  
EIROPAS KOPIENU TIESA



3ENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS  
I KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA  
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN  
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH  
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS  
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTEV  
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI  
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN  
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

## KOMUNIKAT STAMPA Nru 14/06

13 ta' Frar 2006

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA: STATISTIKA ĠUDIZZJARJA 2005 IL-PROGRESS OSSERVAT FL-2004 JISSAĦAĦ U JKOMPLI JITKATTAR

*Il-miżuri adottati bil-għan li titjeb l-effiċjenza fil-metodi tax-xogħol tal-Qorti kif ukoll il-wasla ta' l-imħallfin ġodda wara t-tkabbir komplew, fl-2005, jipproduċu effetti notevoli fl-istatistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza.*

#### Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti għas-sena 2005 tiddistingwi ruħha, l-ewwel nett, fit-tnaqqis ta' kawżi pendenti ta' madwar 12 % meta mqabbla mas-sena preċedenti u ta' 24% f'sentejn. Fl-2005, il-Qorti fil-fatt għalqet 574 kawża, li jikkorrispondi għal 68,3% tan-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2004. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' kawżi li nfetħu quddiemha naqas u jilħaq 474 kawża kontra 531 fl-2004. Il-fatt li l-Qorti, għat-tieni sena konsekuttiva, ikkonkludiet aktar kawżi milli rċeviet jispjega t-tnaqqis tan-numru ta' kawżi pendenti li tela' għal 740 sa l-aħħar ta' l-2005, filwaqt li kien laħaq 840 fl-aħħar ta' l-2004 u 974 fl-aħħar ta' l-2003.

Dan it-tnaqqis konsiderevoli ta' kawżi pendenti kellu miegħu titjib fit-tul ta' żmien tal-proċeduri, fenomenu diġà osservat fl-2004. It-tul tal-proċeduri ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari reġa' naqas b'mod sinjifikattiv u fil-preżent huwa ta' 20.4 xahar kontra 23.5 xahar fl-2004 u 25.5 xahar fl-2003. Fir-rigward ta' rikorsi diretti u ta' Appelli, it-tul medju tagħhom huwa ta' madwar 21 xahar, filwaqt li fl-2003 kien laħaq 24.7 xahar għar-rikorsi diretti u 28.7 xahar għall-Appelli.

F'dan il-kuntest, il-Qorti għamlet użu minn strumenti li tiddisponi minnhom sabiex tħaffef it-trattament ta' ċerti kawżi. Hija b'mod partikolari tuża frekwentement il-possibbiltà li tiddeċiedi kawża mingħajr il-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali meta din ma tqajjem l-ebda domanda ġdida ta' liġi. B'hekk, 35% tas-sentenzi deċiżi fl-2005 kienu mingħajr Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali kontra 30% fl-2004.

Il-progress miksub fl-2005 huwa dovut kemm għall-miżuri adottati fl-2004 bil-għan li titjeb l-effiċjenza tal-metodi tax-xogħol tal-Qorti, kif ukoll il-wasla ta' l-imħallfin ġodda wara l-

aħħar tkabbir. Din l-osservazzjoni tagħmilha possibbli li jitbassar li ser jtkattar aktar progress fis-snin li ġejjin.

## **Il-Qorti tal-Prim'Istanza**

L-istatistika ġudizzjarja għas-sena 2005 l-ewwel nett turi żieda notevoli tan-numru ta' kawżi konklużi. Fl-2005, il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-fatt għalqet 610 kawża kontra 361 fl-2004. Din il-progressjoni kbira ħafna trid tiġi spjegata, għaliex 117-il kawża magħluqa fis-sena 2005 mill-Qorti tal-Prim'Istanza ingħalqu minħabba trasferiment quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu, jekk ma jitteħidx in kunsiderazzjoni dan it-trasferiment, in-numru ta' kawżi konklużi jammonta għal 493 u xorta jibqa' żieda importanti (jiġifieri ta' 37 %) meta mqabbel mas-sena 2004.

Din iż-żieda ta' numru ta' kawżi konklużi, li hija dovuta l-aktar għall-wasla ta' għaxar imħallfin ġodda fl-2004, seħħet flimkien ma' tnaqqis tan-numru ta' kawżi rreġistrati fis-sena 2005. Dan in-numru fil-fatt jammonta għal 469 kontra 536 fl-2004. Madankollu, jeħtieġ li dan it-tnaqqis jiġi spjegat għaliex, fis-sena 2004, xi għoxrin kawża intbagħtu lura mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti tal-Prim'Istanza minħabba t-trasferiment tal-kompetenzi li jippermetti lill-Qorti tal-Prim'Istanza li tiddeċiedi r-rikorsi diretti ddepożitati mill-Istati Membri. In-numru ta' kawżi rreġistrati din is-sena fir-realtà reġa' ġie lura għal-livell komparabbli għal dak tas-sena 2003 (jiġifieri 466 kawża).

Fl-aħħar nett, fl-aħħar tas-sena 2005, in-numru ta' kawżi pendenti kien jammonta għal 1033, li jirrapreżenta tnaqqis ta' 141 kawża, jiġifieri ta' 12 %, meta mqabbel mas-sena preċedenti.

Jekk l-istatistika ġudizzjarja għas-sena 2005 turi fluss ta' kawżi inkoraġġanti ħafna, madankollu, it-tul medju tal-proċeduri żdied fis-sena 2005, għaliex, ħlief għal kawżi tas-Servizz Pubbliku (19.2 xahar) u tal-Proprietà Intellettwali (21.1 xahar), huwa laħaq il-25.6 xahar (kontra t-22.6 xahar fl-2004). Din iż-żieda hija attribwita b'mod partikulari għall-kumplessità ġuridika u fattwali ta' bosta serje ta' kawżi voluminużi li nġhalqu mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sena 2005.

Minbarra dan jeħtieġ li jingħad li fl-2005, il-proċedura mħaffa għamlitha possibbli sabiex jiġu konklużi bosta kawżi f'perijodu li ma qabiżx seba' xhur.

## **It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

L-istatistika ta' din is-sena trid wkoll tiġi analizzata billi wieħed jikkunsidra li l-fatt li t-twaqqif tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea, sa mis-sena 2006, ser jaffettwa b'mod konsiderevoli l-volum u l-profil globali tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ser tippermettilha tikkonċentra aktar fuq ċerti oqsma ta' kawżi kummerċjali.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Lingwi disponibbli : kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Faks: (00352) 4303 2731*